# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 366/13 FDP**

**Charles Joseph Mercieca**
**(ID 258300L)**

**vs**

**Roderick James Agius**
**(ID 77673M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 19 ta' Novembru 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu ippubblikat fil-gurnal 'Il-Mument' tat-3 ta' Novembru 2013 intitolat '***Iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca mwissi mill-Pulizija ... izda mhux se jittiehdu passi kontrih*''** fejn intqalu l-kliem "*Izda iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca rritorna fuq il-post tal-incident wara li cemplulu l-Pulizija*" u "*Izda l-informazzjoni li ghandha dina l-gazzetta, iben is-Segretarju Parlamentari rritorna fu Triq San Andrija, fis-Swieqi fejn sehh l-incident wara li swar kuntratt mieghu mill-Pulizija*" u talab lill-Qorti tiddikjara tali kliem bhala malafananti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna illi taht it-titolu ***Iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca mwissi mill-Pulizija ... izda mhux se jittiehdu passi kontrih*** jinghad is-segwenti:

> *Il-Pulizija mhux se tiehu passi kontra iben is-Segretarju Parlamentari Frnco Mercieca wara li kien involut f'incident tat-traffiku nhar il-Hadd li ghadda. F'dan l-incident, iben is-Segretarju Parlamentari ma waqafx anzi baqa' jsuq il-vettura tieghu, fl-istess waqt li s-sewwieq tal-vettura l-ohra kien wegga kagun tal-istess habta. Izda iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca rritorna fil-post tal-incident wara li cemplulu l-Pulizija.*

*Minn informazzjoni li ghandu il-Mument jirrizuta illi mal-habta, Charles Joseph Mercieca, ta 19-il sena, iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca li kien qieghed isuq cettura Mini Cooper baqa jsuq minkejja li f'incident tat-traffiku kien wegga' swwwieq tal-vettura l-ohra tal-ghamla Toyota Velta li hu minn Hal Qormi.*

*Kelliema ghall-Kummissarju tal-Pulizija qalet lil il-Mument li peress li s-sewwieq tal-vettura Mini Cooper mar lura fil-post, dan mhux qieghed jitqies bhala hit and run. Izda l-informazzjoni li ghadha din il-gazzetta, iben is-Segretarju Parlamentari rritorna fi Triq Sant Andrija fis-Swieqi fejn sehh l-incident wara li sar kuntatt mieghu mill-Pulizija.*

*Sezzjoni tal-media lokali rrappurtat ukoll dan l-incident u r-rapport tas-sit elettroniku tal-ahbarjiet tal-General Workers' Union issemmi li "minflok waqaf, iz-zaghzugh baqa' jsuq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar. Peress li mad-daqqa nqalghet il-pjanca bin-numru ta' registrazzjoni tal-karozza, il-Pulizija ma kelliex diffikulta' li jsiru jafu ta' min hi."*

*Dwar dan, din il-gazzetta baghtet mistoqsija lis-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca u qal li "ma jikkonfermax is-sekwenza ta' kif graw il-fatti hekk kif qieghed jigi allegat."*

*Ghall-mistoqsijiet ta' din il-gazetta, il-kelliema ghall-Kummissarju tal-Pulizija kkonfermat li bhala parti mill-investigazzjonjiet, iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca kien imwissi mill-Pulizija wara li baqa' jsuq hekk kif kien involut f'incident tat-traffiku u meta s-sewwieq l-iehor kien midrub. L-istess kelloema qalet li peress is-sewwieq tal-vettura Toyota Belta sofra griehu ta' natura hafifa, hu jista jiddeciedi jekk jiehux passi kontra iben is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca.*

*Intant din il-gazzetta staqsiet ukoll lis-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca dwar jekk hux accettabbli ghalih li ibnu baqa' ghaddej minghand ma waqaf jara x'danni kien qed isofri is-sewwieq l-iehor. Franco Mercieca qal li "qatt ma jista jaccetta dan l-atteggjament u dan mhux biss fil-vesti tieghu ta' Segretarju Parlamentari izda wisq aktar bhala missier." Hu zied li f'dan l-istadju minhabba li l-kaz qieghed jigi investigat mill-Pulizija, ma jhossx li ghandu jikkummenta aktar.*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fil 11 ta' Dicembru 2013 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi l-pubblikazzjoni ma kienetx libelluza peress illi tikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni bbazata fuq fatti sostanzjalment veri u ghalhekk tammonta ghal "fair comment" jew "value judgment", liema dritt huwa protett.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Charles Joseph Mercieca** moghtija fil 5 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Trevor Micallef** moghtija fid 9 ta' Gunju 2014

Semghet ix-xhieda tal-**PS 1456 Jonathan Cassar** illi kien investiga l-incident kif ukoll rat ir-rapport tal-Pulizija redatt dwar l-incident awtomobilistiku illi sehh fis 27 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Marisa Gauci**, rappresentant tal-Vodafone Malta plc, moghtija fid 9 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda tar-rikrorenti Charles Joseph Mercieca in ezami u kontro ezami moghtija fit 23 ta' April 2015.

Ra illi fit 23 ta' April 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta,

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Mangion**, is-sewwieq tal-vettura illi fiha habat ir-rikorrent, moghtija in ezami u kontro ezami fid 19 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Roderick James Agius** moghtija fid 19 ta' Novembru 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebit.

Rat illi fil 25 ta' Jannar 2016 l-intimat ddikjara illi ma kellux provi ohra x'jippresenta w ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijet bil-miktub tar-rikorrenti.

Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippresentati fis 17 ta' Marzu 2016.

Rat ill fit 2 ta' Mejju 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat is-sottomissjonijiet intimati ppresentati fil 11 ta' Mejju 2016.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-27 ta' Ottubru 2013, ghal habta tal-10.45am, kienet sehhet kollizjoni bejn il-vettura Toyota Belta ABX 019, misjuqa minn certu Joseph Mangion, u Mini Cooper GBN 687, misjura mir-rikorrent Charles Joseph Mercieca.

Jirrizulta illi hekk kif il-vettura ta' Mangion illi kienet qieghda wieqfa gewwa Triq Sant Andrija fid-direzzjoni lejn Bahar ic-Caghaq bl-indicator mixghul sabiex jdur lejn iz-zona tal-White Rocks, il-vettura misjuqa mir-rikorrent baqghet diehla minn wara gewwa tali karozza u sehh impatt pjuttost qawwi, tant illi lill-vettura tar-rikorrent waqalha n-numru tan-number plate.

Jirrizulta illi, wara l-impatt, li kkawza griehi f'wicc Joseph Mangion, aktar tard katologati bhala ta' natura hafifa, r-rikorrent ma waqafx fuq il-post u saq 'l hinn.

Jirrizulta illi, ftit wara l-incident, waqaf Pulizija tat-Traffiku sabiex jaghti l-ewwel ghajnuna lill-Joseph Mangion illi, nelfrattemp, kien irnexxilu jmexxi l-vettura tieghu mal-gemb sabiex jevita incidenti ohrajn, u, wara li vverifika li Mangion kien sew, l-istess Pulizija kkomunika mal-Control Room dwar l-incident filwaqt illi sab in-number plate tal-vettura illi kienet dahhlet f'Mangion, ossija dik tal-vettura tar-rikorrent.

Jirrizulta illi ftit tal hin wara, ir-rikorrent reggha irritorna lura fuq il-post u filwaqt illi talab skuza lill Mangion tal-incident illi kien ghadu kif sehh, qallu illi l-hsarat kollha kienu ser ikunu koperti bl-assikurazzjoni filwaqt illi lill Pulizija qallu illi kien telaq 'l hinn peress illi, wara l-impatt, ra lill Mangion hiereg mill-karozza u "*beza u telaq. Wara li cempel lil ommu reggha mar fuq il-post.*" (fol 42)

Jirrizulta illi ebda Wardens ma gew sabiex jirrappurtaw l-incident, liema incident gie gestit unikament mill-Pulizija li mexxew il-kaz bhala incident 'bumper-to-bumper' u ma ghamlu ebda skizz tal-inciden peress illi l-vetturi kienu mcaqilqin minn fejn sehh l-incident.

Jirrizulta illi dina l-istorja giet irrappurtata fuq is-sit elettroniku tal-General Worker's Union fejn intqal illi "*zaghzugh li habat ma' karozza fi Triq il-Kosta f'St. Andrews u baqa sejjer mar lura fuq ix-xena wara ftit tal-hin.*" (fol 26).

Jirrizulta illi sussegwentement l-ghada, 28 ta' Ottubru 2013, l-intimat baghat 'email' lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jistaqsi jekk kienetx ser tittiehed azzjoni kontra z-zaghzugh illi baqa ghaddej minghand ma waqaf wara l-incident.

Jirrizulta illi rappresentant tal-Community and Media Relations Unit irrisponda ghal tali domandi dakinhar stess fejn gharraf lill-intimat illi

> *"Malli sehh l-incident, ix-xufier tal-vettura Mini Cooper baqa' jsuq, izda huwa rega mar lura fejn sehh l-impatt ftit tal-hin wara. Ghaldaqstant, peress li huwa mar lura fuq il-post, dan mhuwiex kaz ta' hit and run."*

Jirrizulta illi l-ghada, 29 ta' Ottubru 2013, l-intimat ghamel is-segwenti domandi supplimetari:

> *"1. La darba gew mitkellma iz-zewgt sewwieqa, dan kien parti mill-process tal-investigazjoni?*
> *2. Is-sewwieq zaghzugh kien imwissi mill-Pulizija minhabba li fil-bigu tal-incident baqa' ghaddej minkejja li s-sewwieq l-iehor indarab?"*

Ir-rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaz-zewgt mistoqsijiet billi qal is-segwenti:

> *"B'referenza ghall-mistoqsijiet tieghek t'hawn taht, gentilment ninfurmak li t-twegiba taghha hija fl-affermattiv."*

Jirrizulta illi eventwalment, fil-harga tal-Mument tal-Hadd 3 ta' Novebru 2013, l-intimat hareg l-istorja meritu tal kawza odjerna, illi ghaliha r-rikorrent eventwalment nieda proceduri odjerni gimghatejn wara.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fil-kawza odjerna, illi t-tlett persuni principali li xehdu dwar l-incident meritu tal-kawza odjerna kienu ir-rikorrent, Joseph Mangion ossija il-persuna illi fih habat ir-rikorrent, u il-PS 1456 Jonathan Cassar illi mar fuq il-post wara li gie irrappurtat l-incident mill-Pulizija tal-Traffiku.

Jirrizulta illi, skond ir-rikorrent Charles Joseph Mercieca, wara l-incident huwa baqa jsuq 'l finn ftit metri l-boghod u eventwalment waqaf. Meta waqaf, huwa cempel lill-ommu u qalilha dwar l-incident illi kellu u hi qaltlu sabiex imur lura fuq il-post tal-incident. Kien ghalhekk illi, ftit tal-hin wara, huwa dawwar il-vettura tieghu u reggha mar lura fuq il-post tal-incident fejn huwa sab Pulizija tat-Traffiku fuq il-post.

Jirrizulta, dejjem skond Mercieca, illi meta mar fuq il-post, is-sewwieq tal-vettura 'l ohra, Joseph Mangion, kien irrabbjat ghalih hafna, u l-Pulizija kellu jferraqhom tant kien irrabjat ghalih Mangion.

Jirrizulta wkoll illi, dejjem skond Mercieca, formula tal-'bumper-to-bumper' qatt ma mtliet mill-partijiet fl-incident.

Jirrizulta, mix-xhieda tal-PS 1456, illi meta mar fuq il-post, huwa sab il-Pulizija tat-Traffiku illi kien ikkomunika mal-'Control Room' illi kien hemm incident. Eventwalment, l-PS 1456b kellem lill-Mercieca u qal illi meta dana kellmu, huwa kien qallu illi meta jkollu tali tip ta' incidenti, huwa kellu jibqa fuq il-post sakemm jigu l-Pulizija, u mhux jitlaq 'l hinn, kif kien attwalment ghamel.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi Joseph Mangion, il-persuna illi fih habat ir-rikorrent, jaghti stampa kemmxejn differenti minn dik illi taw kemm ir-rikorrent kif ukoll il-Pulizija PS 1456.

Jirrizulta, di fatti, illi wara d-daqqa, r-rikorrent Mercieca saq 'l hinn u dam ftit sakemm eventwalment gie lura, u meta gie lura, Mangion jistqarr li Mercieca qallu illi kienet cemplitlu ommu u qaltlu sabiex isur lura biex jara dwar l-incident illi kien sehh.

Jirrizulta wkoll illi l-istess Mangion jistqarr li Mercieca gie lura fuq il-post madwar kwarta wara illi sehh l-incident.

Jirrizulta wkoll illi, wara l-incident, waqaf Pulizija tat-Traffiku hdejh sabiex jaghtih l-assistenza, peress illi Mangion kien sturdut bid-daqqa illi kellu ma wiccu u l-istess Pulizija sab in-number plate tal-vettura tar-rikorrent, b'liema number plate imbghad il-Pulizija, quddiem Mangion, cempel lill-Control Room u b'xi mod ghamel komunikazzjoni ma' persuna relatata man-number plate illi huwa kien sab fit-triq.

Jirrizulta, finalment, illi Mangion iffirma dikjarazzjoni ghand il-Pulizija fejn gharrafhom illi ma jixtieqx jiehu passi bil-Qorti fuq l-incident illi kellu ma' Mercieca.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, fid-difza tieghu, qajjem linja difensjonali wahda, ossija illi l-artikolu huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri u ghalhekk dak miktub kellu jitqies bhala 'fair comment', u ghalhekk mhux libelluz.

Ikun ghalhekk utili illi wiehed ezamina fil-qasir l-principji tad-difiza tal-‘*fair comment*’ bil-ghan illi wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-‘*fair comment*’.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta’ April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

*... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

*... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

*... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti thoss ukoll illi ghandha ukoll taghmel is-segwenti osservazzjoni addizzjonali.

Minkejja illi huwa minnu illi r-rikorrent ma huwiex persuna pubblika, u ghandu, f'cirkostanzi normali, jitqies bhala persuna privata u li ghalhekk jkun soggett ghall-livell ta' kritika minima, fil-kaz odjern, in vista tal-fatt illi huwa jigi t-tifel ta' Segretarju Parlamentari ta' dak iz-zmien, Franco Mercieca, illi huwa certament persuna pubblika, u in vista tal-fatt illi l-azzjoni ta' Charles Joseph Mercieca, fejn huwa habat go karozza minn wara, kkawza griehi lill-persuna u harab 'l hinn, setghet certament titfa dell ikrah fuq missieru, li huwa persuna pubblika, il-Qorti thoss illi, ghalkemm l-agir ta' Mercieca ma kienetx soggetta ghall-livell ta' kritika oghlja bhal dik ta' politiku, certament kienet tali illi kienet tisthoqq illi tigi rappurtata u investigata fid-dettall.

Il-Qorti qed taghmel tali osservazzjoni stante illi huwa accettat illi l-gurnalisti ghandhom obbligu illi jzommu lill-pubbliku infurmat b'dak kollu illi qieghed jigri u li jista jkun ta' interess pubbliku, u

huwa fatt illi l-gurnalisti huma issa maghrufa bhala il '*public watchdog*' tal-poltici u persuni pubblici biex jigi assikurat illi l-operat ta' dawn il-persuni jkun fl-ahjar interess tal-pajjiz u tal-pubbliku in generali.

Jirrizulta, illi madanakollu, flimkien mad-drittijiet tal-gurnalisti, hemm l-obbligi, illi huma necessarji sabiex jassikuraw bilanc ekwu fir-rappurtagg, u di fatti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *….freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi huwa hassu malafamat bil-kontenut tal-artikolu stante illi gie rrappurtat illi huwa mar lura fuq il-post tal-incident wara illi harab minn fuq il-post  ghax cemplulu l-Pulizija, u huwa sahaq illi dana ma kienx minnu.

Jirrizulta, madanakollu, mix-xhieda ta' Joseph Mangion, illi kien attwalment il-persuna illi fih habat ir-rikorrent, u li eventwalment iffirma dikjarazzjoni fejn gharraf lill-Pulizija illi ma riedx jiehu passi fuq l-incident, li dana sema lill-Pulizija tat-Traffiku li kien waqaf fuq il-post jcempel lill xi hadd u jaghti d-dettalji tan-numru tal-vettura tar-rikorrent, peress illi tali numru kien waqa ma' l-art wara l-incident.

Jirrizulta wkoll, dejjem skond ix-xhieda ta' Joseph Mangion, illi kien wara li saret tali telefonata, u wara illi kienu ghaddew madwar kwarta minn meta sehh l-incident, illi r-rikorrent mar lura fuq il-post tal-incident, u Mangion jikkonferma illi l-istess Mercieca kienu qallu li cemplitlu ommu u qaltlu sabiex imur lura fuq il-post tal-incident.

Jirrizulta wkoll illi l-Pulizija, meta kellem lir-rikorrent, wissa lill-istess rikorrent illi l-azzjoni illi huwa ghamel kienet hazina u messu waqaf wara l-incident sabiex jara x'kien ikkawza u jekk wegghax xi hadd.

Jirrizulta, ghalhekk, sostanzjalment korrett illi kienet il-Pulizija illi, wara li inghatat il-pjanca tan-numru tal-vettura tar-rikorrenti, illi biha huwa habat f'vettura stazzjonarja li kienet qed tistenna biex tikser bl-indicators mixghulin, minn Mangion, ghamlet il-verifiki taghha u kienet il-Pulizija illi ghamlet xi tip ta' kuntatt ma xi hadd in rigward ma tali incident, tant illi omm ir-rikorrent, li ma ttellghetx sabiex tikkonferma jew tichad il-verzjonijiet tal-fatti, cemplet lir-rikorrent biex tghidlu biex idur lura.

Ghalhekk, filwaqt illi t-telefonata wara l-incident mill-Pulizija mhux necessarjament saret direttament lir-rikorrent, jirrizulta illi saret telefonata da' parte tal-Pulizija illli wasslet biex r-rikorrent jirritorna lura fuq il-post tal-incident illi huwa kien ikkawza, u ghalhekk dak irrappurtat mill-intimat fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna huwa sostanzjalment korrett u certament ma jistax jitqies bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l- intimat,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur